*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,309, 17 ta' Diċembru, 1976*
*Taqsima C*

**Nru. 7**

17. 12. 76

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Vincent Moran, M.P., Ministru tas-Saħħa u l-Ambjent, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-15 ta' Diċembru, 1976.

**ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, Kap. 105.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Vincent Moran, M.P., Minister of Health and Environment, and read the First time at the Sitting of the 15th December, 1976.

**AN ACT further to amend the Traffic Regulation Ordinance, Cap. 105.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## imsejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 105.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1976 li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid 11A mal-liġi prinċipali.

2. Minnufih wara l-artikolu 11 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Projbizzjoni ta' tipjip fuq karozzi tal-linja.

11A. (1) Ebda persuna ma għandha, fil-waqt li tkun ġo jew fuq xi *motor omnibus* li tkun qed tistenna biex ittella' passiġġieri jew tkun qegħda fuq xi linja, tpejjep xi tabakk.

(2) Ikun id-dmir tal-kunduttur ta' kull *motor omnibus* bħal dik li jara li d-disposizzjoni tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun qed tiġi mħarsa.".

Żieda ta' artikolu ġdid 17B mal-liġi prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 17A tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Reati kontra l-artikolu 11A.

17B. Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11A ta' din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u teħel —

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn żewġ liri, u

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba u wara, multa ta' mhux inqas minn ħames liri.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jipprojbixxi t-tipjip tat-tabakk fuq karrozzi tal-linja.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Traffic Regulation Ordinance, Cap. 105.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Traffic Regulation (Amendment) Act, 1976, and shall be read and construed as one with the Traffic Regulation Ordinance, hereinafter referred to as "the principal law".

Addition of new section 11A to the principal law.

**2.** Immediately after section 11 of the principal law there shall be added the following new section:

"Prohibition of smoking on route motor omnibuses.

11A. (1) No person shall, while he is in or on any motor omnibus which is waiting to pick up passengers or plying on any route, smoke any tobacco.

(2) It shall be the duty of the conductor of any such motor omnibus to see that the provision of subsection (1) of this section is complied with.".

Addition of new section 17B to the principal law.

**3.** Immediately after section 17A of the principal law there shall be added the following new section:

"Offences against section 11A.

17B. Any person who contravenes any of the provisions of section 11A of this Ordinance shall be guilty of an offence and shall be liable —

(a) on a first conviction, to a fine (*multa*) of not less than two pounds, and

(b) on a second or subsequent conviction, to a fine (*multa*) of not less than five pounds.".

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to prohibit tobacco smoking on route motor omnibuses.